MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 137/1991/1

**L-Avukat Dottor Stephen Thake ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Laferla Insurance Services Limited u din in rappresentanza tad-ditta estera assikuratrici Crowe Motor Policies at LLoyds u Saviour Borg ghan-nom tas-socjeta' Middle Sea Insurance Company Limited u dawn kif jinsabu ssurrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghhom Mario Zahra, sija bil-polza u sija bil-ligi.**

**Mario Zahra.**

**Vs**

**Ronald Apap**

**Joseph Apap**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Billi fil-5 ta’ Jannar 1991 il-konvenuti, minghajr il-permess tal-attur Mario Zahra, serqu l-vettura Mazda numru C-9480, proprjeta’ tal-istess Mario Zahra, minn Triq id-Deheb Fin, Qormi u hadu l-istess vettura f’post iehor fejn giet ghal kollox danneggjata u zarmata minn diversi parts u accessorji;

Billi l-imsemmija karozza C-9480 kienet assikurata ma’ l-atturi Dottor Stephen Thake nomine u Saviour Borg nomine taht polza Third Party Fire and Theft u in visto ta’ dan, l-istess Dottor Stephen Thake nomine u Saviour Borg nomine qeghdin jaghmlu tajjeb ghal porzjoni sostanzjali tad-danni kkagunati mil-konvenuti fl-imsemmija karozza C-9480, kif ikkontemplat mill-imsemmija polza u gew issurrogati fid-drittijiet tal-imsemmi attur Mario Zahra;

Billi nonostante l-obbligu tal-hlas tal-imsemmija atturi Dottor Stephen Thake nomine u Saviour Borg nomine, l-attur l-iehor Mario Zahra sofra danni bhala konsegwenza tas-serqa fuq imsemmija illi ghalihom m’huwiex kopert taht il-polza tal-assikurazzjoni li ghalhekk ma jistax jigi risarcit ghalihom;

Billi nonostante illi l-konvenuti gew interpellati sabiex jersqu ghall-hlas tad-danni minnhom ikkawzati huma baqghu inadempjenti;

Talbu ghalhekk l-istess atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex f’gudizzju wiehed a tenur tal-Artikolu 156A tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta:-

1. Tiddikjarahom solidament responsabbli ghas-serqa tal-5 ta’ Jannar 1991 fuq imsemmija, u ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-atturi;

2. Tillikwida d-danni konsegwenzjali subiti mill-atturi Dottor Stephen Thake nomine u Saviour Borg nomine fis-somma ta' hames mitt lira (Lm500) jew dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din il-Qorti.

3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu solidament bejniethom lill-atturi Dottor Stephen Thake nomine u Saviour Borg nomine s-somma ta' hames mitt lira (Lm500) jew dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din il-Qorti;

4. Tillikwida d-danni konsegwenzjali subiti mill-attur Mario Zahra nominandi fis-somma ta' mitejn lira (Lm200) jew somma verjuri li tigi wkoll likwidata okkorrendo bl-opera ta' periti u esperti nominandi;

5. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur Mario Zahra, in linea ta' danni s-somma ta' mitejn lira (Lm200) jew dik is-somma illi tigi hekk likwidata minn dina l-Qorti;

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi, u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Ronald Apap illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-konvenut Ronald Apap ma kien bl-ebda mod involut fis-serq tal-vettura numru C-9480 li allegatament saret fil-5 ta' Jannar, 1991, u l-izzarmar taghha u konsegwentement m'hu bl-ebda mod responsabbli ghad-danni reklamati mill-atturi;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut, u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tas-7 ta’ Novembru 1991 li permezz tieghu gie nominat bhala espert gudizzjarju l-Avukat Dottor Mark Chetcuti sabiex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert gudizzjarju li tinsab a fol. 59 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-Udjenza tas-17 ta’ Marzu, 1997;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Din hi azzjoni fejn is-socjeta’ assiguratrici attrici flimkien mal-istess assigurat taghha qed jiddomandaw danni fil-konfront tal-konvenuti li allegatament idderubaw il-karozza tal-attur Mario Zahra u minnha ukoll zarmaw diversi parts u accessorji.

Li irrizulta li kien sar reat ta’ serq ta’ vettura dan huwa indiskuss, u anzi pacifiku bejn il-partijiet. Li hu kontestat mill-konvenuti hu li huma ma kienux il-persuni li wettqu s-serqa. Dak li hu ammess biss mill-istqarrija ‘a tempo debito’ tal-konvenut Joseph Apap hu li huwa kien involut fl-izmantellar tal-vettura.

Issa hu ben maghruf li “kull reat inissel azzjoni kemm kriminali kif ukoll civili” (Art 3(1) tal-Kodici Kriminali). Kif jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet “**Onor. Paul Boffa M.D. noe et –vs- Paul Zammit**”, Prim’Awla, Qorti Civili, 6 ta’ Frar 1950, dawn iz-zewg azzjonijiet “*jappartjenu t-tnejn, kull wahda minnhom fl-isfera taghhom, ghal kriterji distintissimi li juru u jissenjaw zewg ordnijiet ta’ fattijiet umani li ghandhom in komun il-vjolazzjoni tad-dritt, bid-differenza bejniethom ta’ l-entita` tal-vjolazzjoni u tal-forza perturbatrici li dika l-istess forza tezercita”*.

Jinghad ukoll fl-Artikolu 26 tal-Kodici Kriminali illi l-kundanna f’sede penali titqies li tkun inghatat bla hsara ta’ l-azzjoni civili. Dan id-dispost ikompli ghalhekk jirribadixxi

l-indipendenza taz-zewg azzjonijiet wahda mill-ohra. Ghaldaqstant gudikat favur jew kontra f'sede kriminali "*non e' d'ostacolo all'azione proposta, poiche` di legge l'azione civile e' indipendento dalla criminale*" ("**Emmanuele Luigi Galizia noe –vs- Negte. Emmanuela Scicluna**", Prim'Awla, Qorti Civili, 4 ta' Novembru 1884, Vol X p607).

Agixxew tajjeb ghalhekk l-atturi meta mexxew bl-istanza taghhom ghal vjolazzjoni kommessa u ghar-riparazzjoni tad-danni bhala re-integrazzjoni tat-telf subit.

Issa f'kaz ta' delitt kommess minn aktar minn persuna wahda, "*kull wiehed minnhom huwa responsabbli ghad-dannu li jigi determinat li huwa ikkaguna bl-ghemil tieghu, u ma hemmx solidarjeta' bejniethom hlief meta jigi pruvat li huma agixxew flimkien u bi ftehim bejniethom minn qabel*." ("**Neg. Joseph Psaila Manche et noe –vs- Charles Brincat et**", Prim'Awla, Qorti Civili, 7 ta' Marzu 1950). Jinsab insenjat illi "*la complicita` civile e' piu` estesa dalla penale ed abbraccia qualunque co-operazione al danneggiamento siavi stato o no concerto precedente*" ("**Carmelo Xuereb et –vs- Giovanni Micallef et**", Appell Civili, 26 ta' Novembru 1923, Vol XXV pI p689).

Stabbiliti dawn il-konsiderazzjonijiet ta' dritt ghandu issa jigi ezaminat jekk fil-kaz konkret isibux riskontru fis-sens li jigi determinat jekk hux konvenut wiehed jew humiex it-tnejn flimkien li ippartecipaw fl-effetwazzjoni tal-fatt dannuz. Tali prova tinkombi lill-atturi.

Mill-provi akkwiziti jistghu jigu senjalati dawn il-fatti:-

i. Fil-5 ta' Jannar 1991 irrizulta li nsterqet minn wara l-bieb tad-dar tieghu l-karozza tal-attur Mario Zahra;

ii. Mill-investigazzjonijiet kondotti mill-Pulizija l-karozza derubata nstabet f'garage f'Hal-Qormi ta' certu Amabile Buttigieg li minn ghandu l-konvenut Joseph Apap kien kera parti mill-garage;

iii. Indagati mill-Pulizija z-zewg konvenuti rrilaxxjaw stqarrijiet separati. Filwaqt li l-konvenut Joseph Apap ammetta taht il-firma tieghu l-involviment tieghu fl-izmantellar tal-vettura huwa cahad li kien kompartecipi fis-serq. Il-konvenut l-iehor Ronald Apap innega ghal kollox fit-tehid ta’ parts u accessorji mill-vettura;

iv. Fl-istqarrija rilaxxjata minnhu l-konvenut Joseph Apap jikkonfessa li s-serq tal-karozza saret minn huh il-konvenut l-iehor.

Minn dawn il-provi huwa desumibbli illi:-

(a) L-atturi ma ghamlux il-provi li l-konvenut Ronald Apap kien kompartecipi fid-delitt tas-serq u tal-hsara fil-vettura.

(b) L-istqarrija wahidha tal-konvenut Joseph Apap illi huh kienet il-persuna li dderubat il-vettura ma tibbastax biex wehidha ssib htija fil-konvenut Ronald Apap. Dan mhux biss ghaliex in criminalibus, “*la deposizione del complice per poter convincere l’accusa deve essere sostenuta u corroborata da altre circostanze estranee a detta deposizione*” (**Vol XXVIII pIV p87**), izda anke ghaliex meta xehed f’din il-kawza l-imsemmi konvenut ma kkonfermax dan u anzi ghazel li ma jwegibx.

Kif jinghad fl-Artikolu 632 (1) tal-Kap 12 hija biss id-dikjarazzjoni li wiehed jaghmel kontra tieghu innifsu li tista’ tingieb bhala prova.

Fic-cirkostanzi u in mankanza ta’ prova soda korroboratrici din il-Qorti ma hijiex konvinta li l-konvenut Ronald Apap ha sehem fil-konkors ta’ l-azzjoni tas-serq jew l-azzjoni tal-hsara konsegwita bl-izmantellar tal-vettura. Ghalhekk ukoll tonqos il-prova tal-vinkolu solidali bejn il-konvenuti (**Vol XXIV pI p528**). Tali prova kienet rikjesta ‘di rigore’ inkella l-Qorti jkollha taddotta, kif qed taghmel, ir-regola “actore non probante, reus absolvitur”.

Il-konvenut Joseph Apap jikkoncedi li involva ruhu fl-izmantellar tal-vettura li jaf li ma kienetx tieghu u li jaf ukoll

li kienet derubata.  Huwa ma ikkontestax il-quantum tad-dannu komputat mis-surveyor Charles Saliba (Dok CS1) u allura dan qed jigi milqugh ghalkemm limitatament fis-somma komplessiva ta’ sitt mitt lira Maltija (Lm600) kwantu ghal hames mitt Lira Maltija (Lm500) lis-socjeta’ assiguratrici kif minnha rikjest u kwantu ghal mitt Lira Maltija (Lm100) ghall-excess li l-attur Mario Zahra kellu jhallas fuq il-claim mal-assigurazzjoni.

Ghal dawn il-motivi:-

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad id-domanda tas-solidarjeta` issib lill-konvenut Joseph Apap unikament responsabbli ghad-danni fil-vettura tal-attur Mario Zahra derubata fil-5 ta’ Jannar, 1991.

Tilqa’ t-tieni, t-tielet, ir-raba’ u l-hames domandi billi tillikwida d-danni dovuti lis-socjeta’ assiguratrici fl-ammont ta’ hames mitt Lira Maltija (Lm500) u dawk dovuti lill-attur Mario Zahra fl-ammont ta’ mitt Lira Maltija (Lm100) u b’hekk tikkundanna lill-imsemmi konvenut ihallas dawn id-danni hekk likwidati lill-atturi.

Tichad it-talbiet kollha fil-konfront tal-konvenut Ronald Apap billi ma gewx ippruvati.

L-ispejjez tal-kawza jigu sopportati mill-konvenut Joseph Apap hlief dawk tal-konvenut Ronald Apap li jibqghu a kariku tal-atturi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------